# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 16 ta' Lulju 2001**

**Numru 21**

**Avviz. numru 693/99mm**

**Gasan Insurance Agency Limited bhala rappresentatrici tas-socjeta' assikuratrici estera General Accident Fire & Life Assurance Corporation plc, kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assikurat taghha Mark Anthony Scicluna**

**vs**

**Joseph Micallef**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mis-socjeta' attrici fit-13 ta' Mejju 1999 fejn talbet lil din il-Qorti li:

1. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta' attrici assikurattrici bhala

konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fl-4 ta' Marzu, 1998 fil-limiti tar-Rabat waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura nru DAU 964, b'mod negligenti, imprudenti u kontra r-Regolamenti tat-Traffiku, bir-rizultat li huwa habat mall-vettura nurmu IAE 623 proprjeta' ta' l-assikurat tal-attur, u kkaguna hsarat konsiderevoli f'din il-vettura.

2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici fl-ammont ta' disa mija u erba u tmenin lira u tlieta u disghin centezmu (Lm984.93c) jew somma ohra verjuri, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta' attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien mall-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-konsult (Lm14.00), ta' ittra ufficjali tat-22 ta' Mejju 1998, u ta' ittra ufficjali ohra ppresentata kontestwalment ma' dan l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, kollox kontra l-istess konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:-

1. Illi t-talba tas-socjeta' attrici nomine ghandha tkun respinta bl-ispejjez kontra taghha stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma garax tort tal-eccipjent izda gara unikament htija ta' Rita Scicluna konducenti tal-vettura assikurata mill-istess socjeta' attrici nomine.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:-

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident tat-traffiku illi gara f'Buskett Road, hdejn il-knisja tad-Dumnikani, r-Rabat bejn il-karozza IAE 623 misjuqa minn Rita Scicluna u l-karozza DAU 964 misjuqa mill-konvenut.

Rita Scicluna xehdet illi hija kienet qed issuq go Buskett Road fid-direzzjoni tas-Saqqajja u kienet gejja mid-direzzjoni generali tal-Buskett. Hekk kif ghaddiet il-knisja ta' San Duminku fuq in-nahha tax-xellug taghha hemm triq jimisha Papa Piju V.

Il-konvenut kien qed isuq fid-direzzjoni opposta u f'daqqa wahda qasam minn quddiemha biex jidhol ghal din it-triq illi hemm fuq ix-xellug. Lill-konvenut ratu vicin taghha u l-ewwel reazzjoni kienet li ddawwar l-*steering* lejn ix-xellug. Meta rat li kienet ser tidhol fil-hajt, regghet dawwret l-*steering* izda r-rota qabditilha l-bankina u baqghet diehla fil-kantuniera tat-Triq Piju V. Bhala rizultat kellha hafna hsarat fuq in-nahha tax-xellug tal-karozza, pero' allegat li kellha taghtina fuq in-nahha tal-lemin li kienet ikkawzata mill-konvenut meta dana laqghatha hekk kif kien qed idur lejn il-lemin tieghu.

Il-konvenut jinnega dan kollu u jghid illi vera kien qed isuq fid-direzzjoni opposta fid-direzzjoni tal-Buskett u waqaf fuq ix-xellug tat-triq biex ihalli l-karozzi jghaddu minn dik id-direzzjoni halli huwa jkun jista jdur lejn il-lemin ghal got-Triq Piju V. Jidher illi meta waslet Rita Scicluna, dina tfixklet, ir-rota ta' quddiem tax-xellug qabdet il-bankina u minhabba f'hekk tilfet il-kontroll u l-karozza baqghet diehla fil-hajt. Ighid li fl-ebda hin ma laqat il-karozza misjuqa minn Scicluna u ighid li kien il-hin kollu wieqaf bl-*indicators* mixghulin, jistenna t-traffiku gej mid-direzzjoni opposta.

Ikkunsidrat:-

Illi l-Qorti ghandha dawn iz-zewg versjonijiet illi t-tnejn jistghu jkunu probabbli. Jidher illi Rita Scicluna ma tantx ghandha esperjenza tat-triq, peress illi qalet li dina kienet l-ewwel esperjenza taghha u ma kienetx taf x'ser taqbad taghmel u b'mod l-aktar disinvolt biddlet it-tyre tal-karozza u baqghet sejra d-dar. Kien biss wara li rrealizzat li kellha taghmel rapport l-ghassa. Apparti dan pero', illi ma tantx huwa xi fattur determinanti ghal dak li huwa responsabbilta', l-Qorti jidhrilha illi s-socjeta' attrici ma lahqitx dak il-grad ta' prova illi huwa necessarju ghas-success ta' l-istanza taghha. Ma hemmx dubbju illi hemm certa konflitti fil-versjoni moghtija minn Rita Scicluna fejn l-ewwel tghid li l-konvenut qabad u qasam quddiemha u mbaghad fil-kontro ezami a fol 23 tghid li l-karozza tal-konvenut ma ratha fl-ebda hin skuntrata jew ser taqsam, u ma kienx hemm ticpis ta' kulur iswed fuq il-bumper tal-konvenut.

Ta' min ighid illi l-karozza misjuqa minn Scicluna hija ta' kulur sewda u allegat illi kien il-bumper tal-konvenut illi kkawza dik it-taghtina jew hsara zghira fuq il-*mudguard* tal-lemin.

Apparti li l-konvenut innega li huwa habat mal-karozza misjuqa minn Scicluna hemm ukoll ix-xhieda ta' WPS 171 Liliana Mifsud li wara r-rapport baghtet ghall-konvenut u dana gie bil-van, daret dawra ma' dan il-van u ma rat l-ebda hsarat. L-istess Rita Scicluna tghid illi ma kien hemm l-ebda hsarat fil-karozza tal-konvenut. Dana pero' ma jfissirx li l-konvenut ma setghax ikun responsabbli ghad-danni reklamati mis-socjeta' attrici. Li kieku gie ppruvat li l-konvenut verament qasam lejn il-lemin, allura iva, kien ikollu responsabbilta' u habat jew ma habatx, jekk minhabba din il-manuvra, Scicluna tilfet il-kontroll tal-karozza taghha allura hemm element ta' negligenza li ghandu jwiegeb ghalih l-istess konvenut, pero' f'dan il-kaz il-Qorti jidhrilha illi ma ntlahqitx dak il-grad ta' prova. Minkejja din ix-xhieda ta' Rita Scicluna ma hemm xejn x'jikkorroboraha u l-Qorti ghandha biss il-versjonijiet moghtija minnha u dik tal-konvenut. Fuq hekk biss ma jistax ikollha dak il-konvinciment morali bazat fuq preponderanza ta' probabilatijiet.

F'sentenza moghtija fit-22 ta' Novembru 1995 il-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet Joseph Rausi noe et vs John Muscat qalet illi ladarba kienu jezistu zewg versjonijiet differenti li t-tnejn setghu jirrizultaw u li kienu veritajiet allura l-Qorti ma setghax ikollha dak il-konvinciment morali bazat fuq preponderanza ta' probabilitajiet, b'hekk l-unika konkluzzjoni li setghet tasal ghaliha hi li l-atturi naqsu li jippruvaw it-talbiet taghhom b'mod

sodisfacenti u konvincenti u ghalhekk it-talbiet kellhom jkunu michuda.

Il-Qorti jidhrilha illi din hija l-istess sitwazzjoni li tinsab fiha f'din il-kawza u ghalhekk ma tarax kif tista tilqa' t-talbiet attrici ladarba dawn ma lahqux dak il-grad ta' prova rikjest mill-ligi.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad it-talbiet tas-socjeta' attrici. Bl-ispejjez kontra taghha.

Anthony Zammit
Dep Reg